# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 17**

**Rikors numru 18/18/2 JZM**

**Maurice Vassallo Eminyan bhala wiehed**
**mis-shareholders tal-kumpanija Medcast Foundry Limited**

**v.**

**Registratur tal-Kumpaniji u b'digriet tat-28 ta' Frar 2019**
**Malta Industrial Parks Limited (C28965) illum INDIS Malta Limited**
**giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

1. Dan hu appell tal-atturi mid-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) tas-6 ta' Ottubru 2020 fejn cahdet it-talba tieghu *qua* azzjonist tal-kumpanija Medcast Foundry Ltd. biex il-kumpanija terga' titqieghed fir-registru tal-kumpaniji wara li kienet thassret mill-istess registru. Hu jsostni li t-talba qed issir ghax il-kumpanija fethet proceduri kostituzzjonali li

qeghdin quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u tqajmet il-kwistjoni li l-kumpanija hi llum defunta u ghalhekk ghandu interess li terga' titqieged fir-registru tal-kumpaniji biex il-kawza titkompla. Izid ukoll li hu qatt ma rcieva avvizi dwar allegati nuqqasijiet tal-kumpanija da parti tar-registratur tal-kumpaniji peress illi ma kienx ghadu jirresjedi fid-dar fejn kien joqghod u kien ukoll gie zgumbrat mill-fabbrika mnejn kienet topera l-kumpanija.

2. Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) qieset illi t-talba tal-attur saret a bazi tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 li jghid hekk:

> "Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru."

3. Qieset ukoll illi t-thassir tal-isem tal-kumpanija mill-registratur tal-kumpaniji sar a bazi tal-Artikolu 325(1) u (2) tal-Kap. 386 li jghidu hekk:

> (1) "Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibgħat

lill-kumpanija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpanija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.

"(2) Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra, dan jista' jibgħat lill-kumpanija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta li, f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpanija għandu,kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biexma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attivta l-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta."

4. Wara li qieset il-fatti l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) ikkonsidrat kif gej:

"L-Art. 325 tal-Kap. 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji, l-aktar f`dawk is-sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija waqfet ghal kollox min-negozju taghha.

"Dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu (kif kien il-kaz odjern) fejn, nonostante l-obbligi precizi u stretti li jistabilixxi l-Att dwar il-Kumpanniji, kumpannija tramite d-diretturi taghha ma tipprezentax annual returns u financial statements.

"L-inadempjenzi ta` kumpannija f`dan il-kuntest iwassal gustament ghall-imposizzjoni ta` penali u/jew multi li tesigi lligi stess. L-istrettezza tal-ligi tohrog mill-bzonn li fil-qasam tas-socjetajiet kummercjali jkun hemm trasparenza fit-tmexxija tal-affarijiet, governanza tajba u korretta tal-finanzi, u fuq kollox bona fides li hija s-sostrat tal-kummerc. Anke ghalhekk il-ligi hija esigenti ferm.

"Dan premess, jidher evidenti li d-diretturi u/jew azzjonisti tal-kumpannija de qua, ghar-ragunijiet li jafu huma biss, hallew l-affarijiet tal-kumpannija ghaddejjin alla deriva. Hallew il-kumpannija ssir qasba tixxejjer mar-rih. Ghal snin shah il-kumpannija Medcast Foundry Ltd. baqghet inadempjenti fl-obbligi statutorji taghha bil-konsegwenza li r-Registratur tal-Kumpanniji, bir-ragun, inizja l-procedura tat-thassir talisem tal-kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji.

"Minkejja li fir-rikors promotur, ir-rikorrent baqa` sieket dwar ir-ragunijiet li wasslu lir-Registratur tal-Kumpanniji li jibda l-procedura tat-thassir tal-isem, fl-istess waqt bhal donnu kkontesta l-procedura segwita mill-istess Registratur.

"Min-naha taghha, il-qorti ma ssib xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Huwa bil-wisq evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru kien dovut unikament ghan-nuqqas tal-kumpannija de qua tramite lufficjali taghha.

"Il-filosofija ta` nonkuranza prevalenti fil-membri tal-kumpannija kompliet tigi kkonfermata fil-kors ta` din il-kawza billi kif jidher car mill-verbali tal-udjenzi surriferiti r-rikorrent kiser kull impenn li ghamel mal-qorti.

"Kif tista` din il-qorti qatt taghti affidament li l-kumpannija de qua, li kieku kellu isimha jigi ripristinat fir-Registru, sejra toqghod ma` obbligi li mhux kisret meta kienet ghadha fir-Registru izda bla misthija ta` xejn baqghu jinkisru mir-rikorrent fil-kors ta` dan il-procediment odjern?

"Mill-premessi tar-rikors promotur tohrog cara l-motivazzjoni tar-rikorrent ghaliex ipprezenta r-rikors odjern. Certament ir-raguni ma kenitx li ried li l-kumpannija de qua tibqa` taghmel in-negozju. Izda kien li jittenta jsalva kawza kostituzzjonali fejn il-kumpannija de qua kienet parti.

"L-imgieba tar-rikorrent fl-essenza taghha tmur kontra lispirtu tar-rimedju li joffri l-Art. 325 tal-Kap. 386.

"Il-qorti mhijiex sodisfatta li fil-kors ta` dan il-procediment ir-rikorrent gabu ruhu b`mod jew wera disponibilita` retta u tajba sabiex igib il-qaghda tal-kumpannija in order u in linea mal-obbligi statutorji taghha.

"Il-Qorti mhijiex sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-Registru.

"Mhijiex hekk sodisfatta anke ghaliex il-pozizzjoni tal-kumpannija baqghet ma gietx regolarizzata.

"Baqghu ma kinux prezentati d-dokumenti statutorji kollha li ma kinux prezentati ghal firxa twila ta` snin wara li minn socjeta` kostitwita skont il-Kap. 168 saret il-compliance sabiex Mecast Foundry Ltd tkun regolata mill-Kap. 386.

"Lanqas ma kien saldat favur l-intimat il-hlas ta` kull dritt jew penali dovut.

"Kull rikorrent fi procediment ta` din ix-xorta ghandu jifhem li dan mhuwiex xi xorta ta` rubber stamping exercise.

"L-isem ta` kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jekk tkun timmerita, jekk tirrizulta r-rieda tal-ufficjali u/jew tal-membri taghha li l-kumpannija tkun sejra lura lejn il-legalita`."

5. Ghalhekk hi cahdet it-talba tal-attur.

6. L-aggravju tal-attur wara din id-decizjoni huwa s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti naqset li tqis li dak li wassal ghat-talba tieghu kienu l-proceduri kostituzzjonali u minflok iffukat biss fuq il-kwistjonijiet amministrattivi li waslu ghat-thassir tal-kumpanija mir-registru tal-kumpaniji. Minflok tat provediment dwarhom wara li qieset li kienet tezisti raguni tajba biex il-kumpanija terga' titqieghed fir-registru biex il-kawza titkompla skont kif jipprovdi l-Artikolu 325(4), ghamlet bil-kontra.

7. Ir-registratur tal-kumpaniji rrisponda billi argumenta li l-kumpanija kienet ilha tonqos mill-obbligi legali taghha mill-2002 u baqghet inadempjenti ghal diversi snin sakemm ir-registratur applika l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386. L-inadempjenzi kienu jikkonsistu f'nuqqas ta' sottomissjoni ta' prospetti u kontijiet annwali u nuqqas ta' hlas ta' tariffi u multi impost, kif ukoll li mill-2009 il-kumpanija sfat bla direttur u qatt ma gie appuntat iehor. Il-kumpanija giet notifikata fl-indirizz moghti minnha u anki saru l-pubblikazzjonijiet skont il-ligi. Dawn in-nuqqasijiet qatt ma gew imsewwija u huma obbligi li l-Qorti kellha tqis biex tikkonsidra l-gustifikazzjoni tat-talba maghmula.

8. Malta Industrial Parks sahqet fir-risposta taghha illi l-appell kien wiehed frivolu meta anki l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) tat opportunita` biex l-attur jirregola ruhu u xorta baqa' inadempjenti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

9. L-aggravju wahdieni tal-attur appellant hu illi nonostante n-nuqqasijiet li waslu lir-registratur tal-kumpaniji jikkancella isem il-kumpanija mir-registru tal-kumpaniji, xorta kellu raguni tajba biex il-kumpanija terga' titqieghed fuq ir-registru biex tissokta l-kawza kostituzzjonali li l-kumpanija kellha pendenti.

10. Din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellant li l-kawza pendenti kienet wahedha raguni sufficjentement gusta biex kumpanija terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji. L-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 hu marbut ma' dak li jrid l-Artikolu 325 fl-assiem tieghu.

11. Ir-registratur ghandu dritt li jhassar kumpanija mir-registru tal-kumpaniji meta jidhirlu li l-istess kumpanija mhix tmexxi negozju jew mhix topera. Il-kumpanija kienet ilha diversi snin ma tottempera ruhha mal-obbligi taghha mandatorji skont l-Att Dwar il-Kumpaniji oltre li anqas

kellha direttur. L-attur fl-ebda hin ma jinnegah jew jaghti spjegazzjoni gustifikata ghaliex kien hemm dan in-nuqqas fuq firxa ta' snin. Ghalkemm jissottometti li ghandu kawza kostituzzjonali u ghalhekk ghamel it-talba odjerna, pero` bl-ebda mod ma jghaqqad din ir-raguni mal-inadempjenzi legali u amministrattivi tal-kumpanija.

12. L-Artikolu 325(4) jaghti diskrezzjoni lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) biex "jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq" l-isem tal-kumpanija jerga' jitqiehed fuq ir-registru tal-kumpaniji. Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma ragunijiet jew cirkostanzi xierqa u dan gustament ghax kull kaz irid jigi konsidrat fuq il-fattispecie u cirkostanzi partikolari ghalih.

13. F'dan il-kaz il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) lanqas inghatat hjiel ta' cirkostanza xierqa li ghaliha l-kumpanija kellha terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji ghajr li kien hemm kawza kostituzzjonali pendenti u l-attur ma ggustifikax in-ness bejn it-talba u r-raguni ghan-nuqqasijiet tieghu. Ghal dik ir-raguni biss il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) setghet cahdet it-talba.

14. Pero` l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) imxiet b'ghaqal u tat opportunitajiet diversi lill-attur li jirregola ruhu f'dawk li kienu n-nuqqasijiet amministrattivi. Dan sar mhux biss b'sens ta' gustizzja mill-partijiet anki

peress li kien hemm lanjanza dwar in-notifika tal-atti amministrattivi li skont l-attur ma kienx jaf bihom u li dwarhom ma sar ebda appell, izda anki peress illi l-Artikolu 352(1) ma jistax jigi injorat kapricjozament. In-nuqqas ta' sottomissjonijiet ta' prospetti u kontijiet annwali, hlasijiet ta' mizati u multi u nuqqas ta' diretturi huma trasgressjonijiet serji u obbligi legali li l-Qorti ma setghetx taghlaq ghajnejha ghalihom. L-attur inghata l-opportunita` mill-Qorti minn Frar 2018 sal-5 ta' Ottubru 2020 biex jirregola ruhu u jhallas dak dovut u xorta baqa' totalment inadempjanti. Fis-sottomissjoniiet quddiem din il-Qorti rrizulta li fil-mori tal-appell offra pagament zghir mill-arretrati ta' multi dovuti u xejn aktar.

15. F'cirkostanzi bhal dawn l-attur ma jistax sfaccatament jinjora n-nuqqasijiet li kienet tinsab fihom il-kumpanija u jippersisti fi stat ta' inadempjanza legali u kwindi illegalita` bla ebda raguni valida u fl-istess hin jitlob lill-Qorti taghti rimedju bla ebda spjegazzjoni ghaliex tali talba kienet 'xierqa' skont l-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386. Il-fatt li l-kumpanija ghandha kawza pendenti mhix wahedha raguni ghal tali rimedju meta lanqas ingiebet xi prova li l-kawza saret biex tilqa' ghal dak li wassal lir-registratur tal-kumpaniji jnehhi l-kumpanija mir-registru. Dan hu abbuz tal-procedura u ma ghandux jigi permess.

16. Ghahekk l-aggravju tal-appellant qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) tas-6 ta' Ottubru 2020, bl-ispejjez kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm